# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 29 ta' April 2019**

**Numru 1**

**Rikors kostituzzjonali numru 29/2018 SM**

**Alfred Degiorgio**

***v.***

**L-Avukat Ġenerali; u b'dikriet tal-20 ta' April 2018 l-Avukat Peter Caruana Galizia, Matthew Caruana Galizia, Andrew Caruana Galizia u Paul Caruana Galizia tħallew jintervjenu fil-kawża *in statu et terminis***

1. Dan huwa provvediment fuq eċċezzjoni ta' rikuża tal-imħallfin membri ta' din il-qorti mressqa mill-attur Degiorgio fis-seduta tat-8 ta' April 2019. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. L-attur fetaħ din il-kawża b'rikors kostituzzjonali quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili biex jitlob rimedju għal dak li jqis bħala ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq imħares taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet

tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali bil-ħatra tal-Avukat Martin Bajada bħala espert tekniku fi proċeduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja. Fl-istess ħin l-attur b'rikors ieħor quddiem l-istess qorti talab illi jingħata rimedju interlokutorju fis-sens illi l-ħatra tal-Avukat Bajada tiġi sospiża u ma jitħalliex jixhed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati.

3. B'dikriet tat-23 ta' Marzu 2018 – dakinhar stess tar-rikors – l-ewwel qorti laqgħet it-talba provviżorjament. Imbagħad, b'dikriet tas-7 ta' Jannar 2019 l-ewwel qorti ċaħdet it-talba għal rimedju interlokutorju għar-raġuni illi:

> »… … … lir-rikorrenti ma rnexxilux juri li n-nuqqas tal-għoti tal-miżura provviżorja minnu mitluba ser ikollu l-konsegwenza li ġġiblu ħsara irrimedjabbli jew li jkun hemm riskju imminenti u apparenti ta' ħsara irreparabbli fil-każ tiegħu kemm-il darba din l-ordni jew miżżura provviżorja minnu mitluba … ma tinħariġx.«

4. Għalhekk l-ewwel qorti ħassret ukoll *contrario imperio* d-dikriet tat-23 ta' Marzu 2018.

5. L-attur appella b'rikors tal-24 ta' Jannar 2019. Imbagħad, b'rikors ieħor tas-26 ta' Frar 2019 talab illi l-qorti:

> »… … …
>
> »tikkonferma illi s-sentenza [*sic*] mogħtija mill-ewwel onorabbli qorti nhar is-7 ta' Jannar 2019 għadha ma għaddietx in ġudikat, u li kwindi *ai termini* tal-artikolu 266 tal-Kap. 12 tal-Liġiiiet ta' Malta tali sentenza għadha mhijiex eżegwibbli; u
>
> »tikkonferma illi t-talba tal-esponenti fil-konfront tal-Avukat Martin Bajada sabiex fost affarijiet oħra ma jixhidx għadha milqugħa provviż-orjament bis-saħħa tad-digriet mogħti mill-ewwel onorabbli qorti nhar it-23 ta' Marzu 2018;
>
> »… … …«

6. B’dikriet mogħti *in camera* fis-27 ta’ Frar 2019 din il-qorti iddeċidiet hekk:

> »Peress li anke jekk is-smigħ tax-xhud imsemmi fir-rikors ikun deċiż li jkun ta’ preġudizzju għar-rikorrenti, dan l-eventwali preġudizzju jkun jista’ jiġi rimedjat;
>
> »U peress li l-funzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati fil-fażi istruttorja hija li tiġbor il-provi u mhux tiddeċiedi l-ħtija *o meno* tal-akkużat:
>
> »Tiċħad it-talba.«

7. Imbagħad fis-seduta tat-8 ta’ April 2019 l-attur ressaq l-eċċezzjoni ta’ rikuża taħt l-art. 734(1)(*d*)(i) u (ii) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:

> »**734.** (1) L-imħallef jista’ jiġi rrikużat jew jista’ jastjeni ruħu milli joqgħod fil-kawża –
>
> »… … …
>
> »(*d*) (i) jekk ikun ta l-parir tiegħu, ittratta quddiem il-qorti jew kiteb dwar il-kawża jew dwar kull ħaġa oħra li għandha x’taqsam mal-kawża jew tiddependi minnha,
>
> (ii) jekk il-kawża kienet ġà ġiet quddiemu bħala imħallef jew bħala arbitru:
>
> Iżda dan ma jgħoddx għal deċiżjoni, mogħtija mill-imħallef, meta ma tkunx qatgħet definitivament il-meritu fil-kwistjoni bejn il-partijiet, u lanqas għal sentenza li teħles *ab observantia*.«

8. Billi l-imħallfin rikużati taw id-dikriet tas-27 ta’ Frar 2019 bħala imħallfin u mhux taw parir, ittrattaw jew kitbu fi kwalità oħra, id-disposizzjoni applikabbli hija dik tas-sub-para. (ii). L-argument tal-attur huwa illi l-kawża ġà ġiet quddiem l-imħallfin ta’ din il-qorti meta taw il-provvediment tas-27 ta’ Frar 2019 u l-istess imħallfin ġà iddeċidew illi kull “eventwali preġudizzju” li jista’ jħarrab l-attur jekk jitħalla jixhed l-Avukat Bajada “jkun jista’ jiġi rimedjat”.

9. Il-*proviso* tal-art. 734(1)(*d*)(ii) jgħid illi ma jkunx hemm raġuni għal rikuża meta d-deċiżjoni mogħtija mill-imħallef "ma tkunx qatgħet definitivament il-meritu fil-kwistjoni bejn il-partijiet".

10. Il-kwistjoni li dwaru ngħata l-provvediment hija dwar rimedju inter-lokutorju li, min-natura tiegħu, ma jaqtax "definitivament il-meritu fil-kwistjoni bejn il-partijiet". Għalhekk id-deċiżjoni mogħtija fil-provvedi-ment tas-27 ta' Frar 2019 ma tistax tkun raġuni għal rikuża.

11. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-eċċezzjoni ta' rikuża. L-ispejjeż ta' dan l-episodju jħallashom l-attur Degiorgio.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Reġistratur
rm